MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Numru. 657/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J. Farrugia]**
**vs**
**Ian Bonello**

**Kumpilazzjoni Numru: 657/2010**

**Illum, 7 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Ian Bonello,** ta' 35 sena, imwieled Pieta', nhar it-2 ta' Frar, 1972 u residenti fil-fond numru 4, Triq il-Qawsalla, Dingli, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 69375(M).

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Dicembru, 2008 ghall-habta ta' 20:30hrs fi Triq l-Imdina, H'Attard u fl-inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBE 904 ta' l-ghamla Fiat:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Dennis Sammut li ghandu numru ta' registrazzjoni tal-karta ta' l-identita 028147(M) u dan ai termini ta' l-artikoli 41, 216 tal-Kapitolu 9;
2. saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65;
3. saq bi speed eccessiv u dan ai termini ta' l-artikolu 127 ta' l-LS. 65.11.

Il-Qorti, giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Ian Bonello milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-artikoli 14, 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 15(1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 127 ta'l-Aviz Legali 128 tas-sena 1994.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni maghmula minn certu Dennis Sammut li nhar il-15 ta' Dicembru 2008[1] fil-waqt li kien qed isuq fi Triq l-Mdina Attard ghall-habta tat-8.30pm l-imputat, li kien qed isuq f'l-istess triq, beda jissikkah bil-vettura tieghu.

Illi jibda biex jinghad li Ian Bonello ghandu relazzjoni ma' l-ex mara ta'l-parte civile fil-waqt li Dennis Sammut ghandu relazzjoni ma'l-ex partner ta' l-imputat. L-imputat u l-ex partner tieghu ghandhom tifel flimkien. Ir-relazzjonijiet bejn l-imputat u Sammut huma hzina hafna u hemm storja

[1] Ghandu jigi rilevat li c-citazzjoni giet prezentata l-Qorti fit-28 ta' Gunju 2010.

ta’ rapporti reciproci uhud ta’ liema apparentement irrizultaw infondati.

Illi dwar l-incident odjern Sammut jghid li kien sejjer minn Bugibba ghal Hamrun u ghadda minn Triq l-Mdina Attard. Hu jirrakkonta li “*kont fi Triq l-Mdina … miexi ‘l isfel … u ninnota van abjad jaqbez il-karozzi u dan dejjem joqrob fil-vicin tieghi. U x’hin wasalna hdejn … kemm kemm ‘l hemm mir-roundabout ta’ fejn hemm il-pompa l-gdida … beda jross mieghi u hemm hekk indunajt li kien Ian Bonello … u baqa jross mieghi sa ma wassalna fejn ir-roundabout ghax jien ridt nieqaf ghax kienu gejjin il-karozzi … x’hin qlajt baqa’ jross mieghi u jiena biex nipprova nevitah … dort mar-roundabout. Huwa baqa’ jross mieghi xorta mar-roundabout u biex nipprova nevitah ghidt ha ndur dawra ohra mar-roundabout u xorta baqa jsuq warajja close mieghi … mbaghad gbidt ‘l isfel mir-roundabout u xorta baqa jikklosja mieghi. Imbaghad xi hin hu qabad u qabizni … tela’ fuq dik il-bankina … u baqa’ niezel ‘l isfel. Sammut zied jghid li huwa ghamel xi hin wieqaf hemm mbaghad baqa sejjer lejn il-Hamrun*”[2].
Illi in kontro-ezami Sammut jghid li l-vetturi tieghu u ta’l-imputat qatt ma gew f’kuntatt. Sammut ir-rapport m’ghamlux l-ghassa ta’ Birkirkara imma l-Hamrun.

Illi ghallkemm fid-depozizzjoni tieghu Sammut ma jghidx mill-liema direzzjoni kien qed isuq l-imputat meta huwa rah u cioe jekk huwa innuttahx gej mid-direzzjoni opposta, jew jekk rahx gew mir-rearview mirrors, fir-rapport li huwa ghamel lill-pulizija huwa qal li l-imputat kien qed isuq warajh sejrin it-tnejn fid-direzzjoni ta’ Santa Venera.

Illi l-imputat, li ukoll ta d-depozizzjoni tieghu, jghid li dak in-nhar ta’l-incident huwa kellu hin ta’ access mat-tifel u li kien qed jirritorna lit-tifel hdejn l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat peress li hekk kien ordnat jaghmel. Huwa jghid li kien qatta’ l-hin ta’ l-access fir-residenza ta’ ommu (cioe omm l-imputat) li toqghod Birkirkara u hekk kif kien qed isuq lejn ir-Rabat ra lil Sammut isuq fid-direzzjoni opposta. L-imputat ikompli jghid li ma gara xejn ghaliex kemm hu

[2] Ref depozizzjoni a fol 27/28 tal-process.

kif ukoll Sammut baqa' sejjer fi triqtu; ha lit-tifel l-ghassa u minn hemm baqa' sejjer id-dar tieghu Dingli. Aktar tard dak in-nhar jew l-ghada (ma jiftakarx ezatt) cemplulu mil-ghassa ta' Birkirkara biex imur ikellimhom dwar ir-rapport li kien ghamel Bonello; hu mar ikellimhom. Eventwalment (kienu lahqu ghaddew sitt xhur) huwa gie formalment interrogat mill-ufficjal prosekutur u fil-fatt irrilaxxja l-istqarrija esebita in atti.

Illi ghandu jinghad li f'l-istqarrija l-imputat ta l-istess verzjoni li ta waqt d-depozizzjoni tieghu pero meta kien qed jaghti l-verzjoni tieghu lil PS 601 Justin Spiteri (dak in-nhar jew l-ghada ta' l-incident) huwa nnega li fil-hin indikat minn Bonello huwa kien qed isuq fi Triq l-Mdina.

Illi ghal kull buon fini ( u minhabba referenza ghal dan il-fatt waqt il-kontro-ezami ta' Sammut) ghandu jigi rilevat li l-gurnata ta' l-incident, il-15  ta' Novembru 2008, ma kenitx il-Hadd imma it-Tnejn.

Illi mir-riassunt tal-verzjonijiet mghotija miz-zewg protagonisti ta' din il-kaz johrog lampanti il-kunflitt bejn il-verzjonijiet minnhom mghotija.

Illi huwa ben stabbilit fis-sistema guridka taghna li mhux kull kunflitt ghandu necessarjament iwassal ghall-liberatorja ta' l-imputat. Kif gie ritenut mill-Qorti  ta' l-Appell Kriminali: *It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may  not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*[3]

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri taw d-depozizzjoni taghhom persuni ohra: il-pulizija li b'xi mod jew iehor kienu involuti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz; missier l-imputat u rapprezentant ta' Transport Malta biex jaghtu informazzjoni dwar f'isem minn kienet registrata l-vettura li kien qed isuq l-imputat; u Sylvana Sammut (l-ex mara ta'

[3] Ref Pulizija vs. Graham Charles Ducker deciza 19.05.1997.

Dennis Sammut u l-partner ta'l-imputat) li ma tantx tat informazzjoni utli ghall-kaz in ezami.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma tlieta: attentat ta' ferita gravi a dannu ta' Dennis Sammut; sewqan perikoluz, bla kont u traskurat; u sewqan bi speed eccessiv.

Illi kif diga ntqal hemm kunflitt car bejn il-verzjoni mghotija minn Dennis Sammut u l-verzjoni mghotija mill-imputat. Il-Qorti, li kellha l-opportunita tara u tisma liz-zewg persuni koncernati jaghtu d-depozizzjoni taghhom, u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi ta' dan il-kaz u anke kull prova ohra mressqa quddiemha mhiex f'pozzizzjoni li tirrisolvi dan il-kunflitt. Hija ghad ghandha dak 'l hekk imsejjah *lurking doubt* dwar il-veracita tal-verzjoni mghotija minn Sammut.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont tal-fatt li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien qed jistrih interament fuq id-depozizzjoni ta' Sammut u tenut kont tal-fatt ukoll li l-imputat qed jinnega kategorikament li sehh xi incident bejnu u bejn Sammut, il-Qorti mhiex sodisfatta li gew pruvati 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------